# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta Kollizzjonijet

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Christian Borg

Illum 20 ta’ Frar 2023

Il-Qorti

Rat l-akkuzi mingjuba fil-konfront tal-imputat Christian Borg, iben Raymond u Sharon nee’ Lea imwieled fil-14/07/1993 u joqghod Sharay, Triq il-Fraxxnu San Gijan ID 315493(M).

Akkuzat talli fi 23/09/2015 ghall-habta ta’ 11.30hrs fi Triq Hal Tarxien Gudja soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBK 179;

1. Bil-licenzja tas-sewqan mhux imgedda ghas-sena kurrenti.
2. Kif ukoll minghajr ma kont kopert b’polza t’assigurazzjoni dwar ir-riskji tal-terzi persuni.
3. U aktar b’nuqqas ta’hsieb, bi traskuagni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma vettura Nru FAW 879 u involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Carmel Brincat skond kif iccertifika Dr Rene’ Camilleri MD ta’ MDH.
4. Kif ukoll soqt l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza.
5. B’manjiera traskurata.
6. U aktar soq l-imsemmija vettura b’velocita’ eccessiva.
7. Kif ukoll b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hilla fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-rregolamenti tat-traffiku , hbatt ma vettura FAW 879 u involontarjament. ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta’ Carmel Brincat.
8. Il-Prosekuzzjon talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

Rat li fl-1 ta’ Frar 2022 inghatat sentenza fil-konfront tal-imputat mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) diversament presjeduta.

Rat li fis-17 ta’ Frar 2022 gie intavolat Appell minn Christian Borg minn din is-sentenza.

Rat li fil- 15 ta’ Settembru 2022 inghatat Sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Rat li fit-3 ta' Ottubru 2022 l-Qorti Tal-Magistrati (Malta) diversament presjeduta astjeniet milli terga tiddeciedi dwar din il-kawza stante li diga ippronuncjat ruhha fuq il-mertu tal-kawza.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti tal- Magistrati (Malta) fil-11 ta' Ottubru 2022ai termini tal-artikolu 11(9) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procendura Civili u Artikolu 520(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kaz

Rat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti kollha ezibiti.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2023 l-imputat eccepixxa l-preskrizzjoni stanti li ma kien hemm ebda document li juri n-notifika tal-imputat qabel is-16 ta' Jannar 2018.

Rat li l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova rigwardanti l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigwardanti l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Rat it-tieni skeda tal-Kap 65, artikolu 44 tal-LS 65.18, Aritkolu 3(1) tal-Kap 104, Artikoli 226,328 tal-Kap 9 arikoli 15(1)(a)(2) tak-Kap 65 u artikolu 127 tal LS 65.11 u artiklolu 688(e) tal-Kap 9 u 15(3)(a) tal-Kapu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif illum presjeduta l-imputat eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta riwardanti l-ewwel, it-tielet, r-raba', il-hames, is-sitt u s-seba 'imputazzjoni u rigwardanti t-tieni

imputazzjoni saret riferenza ghall-artikolu 15(3)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta .

Jigi rilevat li ghalkemm li fil-verbal tas-28 ta Gunju 2016 a fol 15 tal-process jinghad li giet presentata riferta posittiva tal-imputat, din mhux in atti. Jidher li l-ewwel darba li jirrizulta mill-atti li l-imputat gie notifikat kien fis seduta tas-16 ta' Jannar 2018 a fol 29 tal-process, fejn gie notifikat in awla. Dan ferm oltre sentejn wara d-data ta 23/9/2015 li hemm indikat fl-akkuzi.

L-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni indikat li ma kellha l-ebda riferta rigwardanti s-seduta tas-28 ta' Gunju 2016.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dawn ic-cirkostsanzi ma hemmx prova cara u inequivoka li l-imputat gie notifikat bil-proceduri odjerni hlif ferm oltre sentejn mid-data ta' 23/09/2015 u cioe' ferm oltre it-termini determinati mill-ligi. Il-fatt li fil-vebal tal-28 ta Gunju 2016 a fol 15 tal-process jinghad li giet presentata riferta posittiva tal-imputat mhux "l-ahjar prova". L-ahjar provi hi r-riferta imsemmigha fl-istess verbal.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi , wara li din il-Qorti rat Rat it-tieni skeda tal-Kap 65, artikolu 44 tal-LS 65.18, Aritkolu 3(1) tal-Kap 104, Artikoli 226,328 tal-Kap 9 arikoli 15(1)(a)(2) tak-Kap 65 u artikolu 127 tal LS 65.11 u artiklolu 688(e) tal-Kap 9 u 15(3)(a) tal-Kapitolu 104 tal-

Ligijiet ta' Malta tiddikjara li l-proceduri huma preskritti u tillibera l-imputat mill-imputazzjonijet kollha migjuba kontrih.

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**